# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum 30 ta' Settembru 2024

**Rik. Gur.Nru.: 294/2024 JPG**

**Kawza nru.: 15**

**LB**

**Vs**

**RS**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attrici datat 10 ta' Gunju 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi il-partijiet izzewgu fl-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;*

2. *Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jghaddu ghall-kuntratt ta' separazzjoni in forza ta' Digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat is-sebgha u ghoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) u iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni quddiem in-nutar Dr Francesca Portelli nhar it-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015);*

3. *Illi ghalhekk l-partijiet ilhom legalment separati aktar minn tmien snin;*

4. *Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn tmien snin ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;*

5. *Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dr Francesca Portelli, datat it-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015), senjatament klawsola numru hdax (11), l-partijiet iddekadew/irrinunzjaw definittivament mid-dritt illi jesigu manteniment minn ghand xulxin. u ghalhekk ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment versu xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta` Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat datata 26 ta' Awwissu 2024, a fol 61 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament l-esponenti jaqbel illi l-partijiet izzewgu fl-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) u li minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied; kif ukoll li huma isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti nutar Dottor Francesca Portelli datat it-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015);*

2. *Illi l-esponenti jikkontendi illi huwa minnu li l-partijiet ilhom aktar minn tmien snin isseparati u li bejniethom m'hemm l-ebda cans ta' rikonciljazzjoni;*

3. *Ili effettivament l-esponent jaqbel ukoll illi bhala stat ta' fatt m'hemmx arretrati ta' manteniment versu xulxin, u ghalhekk m'ghandux oggezzjoni ghall-akkoljiment tat-talbiet rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors promotur;*

4. *Illi madanakollu l-esponent jopponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni;*

*Tant ghandu x'jissottometti l-esponenti f'dan l-istadju.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet (vide affidavit fol 3**) illi il-partijiet izzewgu nhar 4 ta' Gunju 2011 u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datata 3 ta' Settembru 2015 fl-atti tan-nutar Dr Francesca Portelli. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat xehed (vide fol 19)** u kkonferma u korrobora dak li xehedet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l- 4 ta' Gunju 2011, liema zwieg jgib certifikat numru 710/2011 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datata 3 ta' Settembru 2015 (Vide fol 5 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 710/2011 u tordna lir-**

**Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**